TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 41/12

**Alfred Abela**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab illi jaċċetta l-forn installat, li l-garanziji ta' l-*appliances* huma skond il-ftehim u li l-ħlas ikun dak kif ġja mħallas u mhux l-ammont żejjed.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

It-Tribunal ukoll jinnota illi l-intimat ippreżenta kontro-talba fejn talab l-ammont ta' mitejn u disgħa u disgħin ewro (€299), u r-rikorrenti ssottometta risposta wkoll.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu ordnaw diversi *appliances* mingħand id-ditta ntimata u fil-lista ta' l-*appliances* kien hemm ukoll ordnat żewġ *washing machines* illi fl-*invoice* l-ammont taż-żewġ *washing machines* kien dak ta' erba' mija u ħamsa w disgħin ewro (€495) u għaldaqstant l-ammont żejjed li qed jintalab mhux dovut.

L-intimat issottometta illi l-ewwel kienu ordnaw *washing machine* waħda, imbagħad kienu ordnaw it-tieni *washing machine* bil-konsegwenza illi għalkemm niżżlu tnejn *washing machines* ma żdiedx ir-*retail price*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi dan huwa żball daparte tas-soċjeta' ntimata u li hija tant żbaljata li l-prezz taż-żewġ *washing machines* ma jwassalx għall-prezz indikat.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota illi kien hemm xi avarija fil-*handwriting* ta' l-*invoice*.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, għaldaqstant qed jemmen il-verżjoni tal-intimat, pero' jordna lis-soċjeta' ntimata tinstalla l-forn, toħroġ il-garanziji skond il-ftehim, pero' jordna lir-rikorrenti jħallas l-ammont ta' mitejn u disgħa w disgħin ewro (€299), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**